GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-sitta u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | ~~Michael Mifsud~~( amended 12/02/09) |
| **Agent Segretarju** | Mary E Azzopardi |

**Is-Sindku kien skuzat ghax kien imsiefer fuq xoghol.**

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.20p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 45**

**2.1** Il-Vici Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Il-Vici Sindku nforma li l-Agent SE u l-Kunsillier Pio Fenech kienu attendew is-seminar organizzat mill-MEPA kif ukoll konna baghatna s-suggeriment taghna sabiex progetti ta' manutenzjoni ikunu jistghu jigu iffinanzjati minn dan il-fond. Huwa fiehem ukoll li kien gie propost waqt is-seminar li proposti maghmula mill-NGO's jigu l-ewwel moghdija lil Kunsill Lokali ghall-approvazzjoni qabel ma jghaddu ghand il-bord tal-UIF. Il-Vici Sindku nforma li se ssir laqgha ohra fis-6 ta Frar dwar dan il-fond.

**3.2** ***Para 3.2 – Triq il-Gdida*** : Il-Vici Sindku nforma li din it-triq kienet qeghda titkompla mill-lum stess billi kienu waqfu mix-xoghol minhabba x-xita. Jekk it-temp izomm din ghandha tkun lesta sa laqgha ohra. Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li kien mar fuq il-post u tkellem mal-foreman fejn dan qallu li hemm bzonn jinbidlu l-manholes tad-drenagg. L-Agent SE ipprezentat kwotazzjoni li kienet irceviet minghand Bitmac Ltd fejn dawn jiswew €154 (ink VAT) 'il wiehed. Gie deciz li nordnaw 7 manholes covers.

***~~Il-kunsillier Michael Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7.00pm~~ (amended 12/02/09)***

3.3 ***Para 3.3 – Xelter :*** Il-Kunsilliera Pio Fenech informa li issa li gie deciz li l-fetha ghandha tkun minn naha ta' Triq Mons L Catania u meta t-temp ikun ahjar, se nqabbdu lil haddiema tal-IPSL biex jifthu l-access.

3.4 ***Para 3.4 – Barriers :*** Il-Vici Sindku nforma li dawn ghandhom jigu nstallati nhar it-Tnejn 2 ta' Frar fil-ghodu.

3.5 ***Para 3.7 –Bring in Site:*** Il-Vici Sindku nforma li konna ktibna u kellimna lil Kappillan Fr Albert Schembri u dan kien qalilna li kien qieghed jistenna mill-Perit tieghu. Huwa wkoll kien kellem lis-Sur Joe Mifsud tal-WasteServ u qallu bil-problema tieghu. Gie deciz li nkomplu nsegwuh biex il-fondi ghal dan il-progett ma jintilfux.

3.6 ***Para 3.10 - Birguma By Pass :*** Il-Vici Sindku nforma li l-ittra lis-CEO tal-ADT kienet inbaghatet u qeghdin nistennew minn ghandu.

3.7 ***Para 3.13 – Fuljett:*** Il-Vici Sindku nforma li minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom ma setax jghaddi s-CD lis-Segretarju Ezekuttiv pero se jaghmel dan mill-aktar fis possibbli.

3.8 ***Para 3.14 – Bozza Triq St Katerina:*** Il-Vici Sindku nforma li din kienet twahhlet u qeghdin nistennew lil Korporazzjoni Enemalta biex jikkonnettjaw il-linja.

3.9 ***Para 3.17 –Hajt tas-Sejjieh fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** Il-Vici Sindku nforma li dan il-hajt kien inghata il-konkos pero ghad baqaghlu x'jinghata u gie deciz li kif it-temp ikun tajjeb nergghu naghtu parti ohra.

3.10 ***Para 5.5 – Bankini Triq 31 ta' Marzu:*** Il-kunsillier Alfred Muscat informa li kien iltaqa' mas-Sur Nicholas Farrugia u dan ghandu jibghatilna stima ta' kemm tigi. Gie deciz li nergghu nkellmuh biex jibghatilna kemm jista' jkun malajr biex tittiehed decizjoni.

3.11 ***Para 7.2 – Bozoz Torri Semaforu:*** Il-Vici Sindku nforma li kienu gew ordnati l-bozoz ta' gewwa u barra tat-Torri tas-Semaforu u x'hin jigu ghandhom jitwahhlu mill-electrician.

3.12 ***Para 7.3 – Librerija:*** Il-Vici Sindku nforma li konna ghamilna l-laqgha mal-kap ta' l-iskola primarja kif ukoll mal-principal tal-kullegg. Il-kunsillier Pio Fenech ghandu jaghtina d-data tal-ftuh tal-librerija u l-programm.

3.13 ***Para 7.5 – Ktejjeb –Din l-Art Helwa:***Il-Vici Sindku nforma li kienet saret laqgha mas-SurVictor Rizzo u mas-Sur Giljan Bezzina mas-Sindku u mal-kunsillier Alfred Muscat. Il-kunsillier Alfred Muscat informa li gie deciz li ghal qoxra ta' barra tal-ktieb ser issir mappa antika ta' Malta li tinkludi il-Gharghur. Il-Kunsilliera prezenti wrew ix-xewqa li fuq il-ktieb inpoggu ritratt tal-Kunsill prezenti. Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li l-ktieb ghandu jigi ppubblikat kemm bl-ingliz u kemm bil-malti. Is-Sur Victor Rizzo ghandu jipprovdi stima sabiex issir versjoni bil-Malti. Dan kollhu gie unanimament approvat.

3.14 ***Para 7.6 – Energy Saving Scheme:*** Il-Vici Sindku nforma li l-Inginier Renzo Curmi

kien infurmana li s-sistema li ahna se napplikaw ghaliha hija adattata ghal kobor ta' saqaf li ghandna u anki jekk naghmlu sistema akbar xorta mhix se tkopri l-elettriku kollu li ghandna bzonn ghall-ufficcju taghna. Huwa nfurmana wkoll li bhala *maintenance* l-ispejjez involuti huma negligibbli. Dan kollhu gie unanimament approvat.

**3.15** ***Para 7.7 – Laqgha mas-Sur Mario Testa:*** Il-Vici Sindku Mark Azzopardi nforma li l-laqgha kienet saret illum stess mas-Sur Testa kif ukoll mas-Sinjura Miceli u kienu gew diskussi diversi materji.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent SE ipprezentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

**5 Budget 2009/2010**

**5.1** Il-kunsillier Pio Fenech issuggerixxa li l-budget 2009/2010 ghandu jinkludi finanzjament sabiex jinghata wicc gdid lit-Triq St Katerina. Huwa ssuggerixxa wkoll li l-ICT area fl-iskola ghandha tkun ghad-disposizzjoni tar-residenti tal-lokalita' u jekk ikun hemm bzonn il-Kunsill jiffinanzja xi xogholijiet li jkunu mehtiega.

**6 Ilmenti u Suggerimenti**

Filwaqt li l-ilmenti kollha li waslu l-Kunsill gew innotati, ittiehdu azzjonijiet fuq dawn lmenti hawn taht indikati :

**6.1** Talba minn residenta biex isir yellow line quddiem il-garage tar-residenza taghha fi Triq Dimitriju Farrugia. Gie deciz li l-kunsill jibqa' jzomm mal-*policy* tieghu u kif dejjem mexa fil-passat li dan ma jsirx.

**6.2** Talba minn resident biex jinghata konkos f'hofra kbira li hemm hdejn Sqaq il-Hofra. Gie deciz li din issir u qabel imorru l-haddiema tal-IPSL biex jimlewha bit-terrapin u imbaghad tinghata l-konkos.Il-kunsillier Alfred Muscat ghandu jiehu hsieb ta' din il-bicca xoghol.

**6.3** Talba minn resident biex titnehha qasrija li hemm quddiem ir-residenza fi Triq Caravaggio ghax qal li qed tiehu hafna spazju u persuna ma tistax tghaddi minn hemm. Il-kunsill stharreg din it-talba u gie maghruf li hemm spazju bizzejjed biex tghaddi persuna u anki pushchair minn hdejn il-qasrija. Ghaldaqstant din it-talba ma gietx milqugha.

**6.4** Talba minn residenta li toqghod Triq l-Indipendenza fejn din xtaqet tkun taf l-isem tas-sid ta' plot li tmiss mal-bitha taghha. Dan minhabba li billi din il-*plot* hija vojta u traskurata qed ikun hemm hafna grieden li qeghdin jidhlulha fil-bitha taghha. Hija qalet li rrapurtat dan il-kaz lil tas-Sanita' pero dawn qalulha li ghandhom bzonn isem tas-sid ghax ma jistghux jidhlu fi plots privati biex ipoggu l-velenu. Il-kunsillier Alfred Muscat ghandu jistharreg isem is-sid.

**6.5** Il-kunsillier Alfred Muscat informa li wiehed mis-sidien ta' sit ta' art fi Triq San Bartilmew qed jitlob li l-hajt tas-sejjieh li jilqa dan is-sit jerga jinbena mill-gdid. Gie deciz li billi dan il-hajt huwa propjeta' privata dan ghandu jaghmlu s-sid stess.

**7 Korrispondenza**

**6.1** Email li rcivejna fis-16 ta' Jannar 2009 minghand John G Cassar Ltd dwar il-merry-go-round.

Din l-email giet innotata.

**7.2** Email li rcivejna fil-25 ta' Jannar 2009 minghand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar programm ta' laqghat 2009.

Din l-email giet innotata.

**7.3** Email li rcivejna fil-25 ta' Jannar 2009 minghand L-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-funeral ta' omm L-Onor Louis Deguara.

Gie deciz li tintbaghat sympathy card mill-kunsill.

**7.4** Email li rcivejna fit-23 ta' Jannar 2009 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Med Ideas Project

Din l-email giet innotata.

**7.5** Email li rcivejna fit-22 ta' Jannar 2009 Memo 5/2009 dwar Skema dwar Inizzjattivi Sportivi.

Din l-email giet innotata u se tigi diskussa iktar 'il quddiem. Il-Vici Sindku ser jiehu hsieb jaghmel presentazzjoni.

**7.6** Email li rcivejna fit-22 ta' Jannar 2009 minghand l-Ufficcju tal-Kumitat Kongunt dwar laqgha li se ssir rigward Infurzar relatat ma Tindif, Ingonbru u skart goff f'postijiet Pubblici u Privati.

Din l-email giet innotata u s-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tattendi.

**7.7** Email li rcivejna fit-22 ta' Jannar 2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar spezzjoni gonna.

Din l-email giet innotata.

**7.8** Email li rcivejna fil-21 ta' Jannar 2009 mill-OPM dwar zjara ta' kortesija lil E.T. il-President ta' Malta.

Din l-email giet innotata.

**7.9** Email li rcivejna fil-21 ta' Jannar 2009 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar L.N. 10/2009 – Id Cards

Din l-email giet innotata u s-Segretarju Ezekuttive nfurmat li twahhlet il-Press Release fuq in-Notice Boards ghall-informazzjoni tal-pubbliku.

**7.10** Email li rcivejna fid-19 ta' Jannar 2009 mill-OPM dwar Seminar li se jsir fis-6 ta' Frar dwar Lokalitajiet Sostenibbli.

Din l-email giet innotata.

**7.11** Email li rcivejna fit-13 ta' Jannar 2009 u il-Bills of Quantities ghal xogholijiet ta'titjib tal-Gnien tal-Ponta u l-inhawi.

Din l-email giet innotata.

**7.12** Korrispondenza li rcivejna mit-12 ta' Jannar sal-21 ta' Jannar 2009 mill-Mepa dwar zvilupp fil-lokalita taghna.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8** **Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**8.1** Il-kunsillier Pio Fenech informa li billi ma ngabrux bizzejjed tfal biex niffurmaw il-grupp ta' l-iscouts ghandna bzonn li naghmlu kampanja ahjar billi nibghatu avviz f'kull residenza fil-lokalita' taghna. Gie deciz li naghmlu dawn l-avvizi u jigu ppustati mis-Sur Joe Bugeja.

**8.2** Il-Vici Sindku tkellem dwar l-iskema ghall-attivitajiet sportivi fejn dan huwa tal-fehma li ghandna naghmlu brochures/booklets ta' informazzjoni dwar kif ghandu wiehed jiekol ahjar u kemm hu utli l-ezercizzju. Dawn jigu ppustati f'kull residenza fil-lokalita'. Din tkun kampanja ta' informazzjoni. Il-Kunsill ghandu wkoll jesplora l-possibilita' li jikri gym privat biex ir-residenti jkunu jistghu jattendu ghall-attivitajiet ta' ezercizzju. Il-kunsillier Alfred Muscat informa li nistghu ngibu fizjoterapista biex taghmel l-ezercizzji ghall-anzjani. Gie unanimament deciz li dawn is-suggerimenti kollhu ikunu ikkunsidrati aktar fid-dettal f'laqgha ohra.

***Il-laqgha ntemmet fid-7.45p.m. Laqgha ohra ssejhet ghal nhar il-Hamis 12 ta' Frar 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Mary E Azzopardi | |
| Sindku | Agent Segretarju | Data |